**25 ta Marzu, 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Frank Sammut *noe.*

*versus*

Michael Fenech *noe.*

**Proċediment Sommarju Speċjali – Kontumaċja – Ħtieġa o meno li l-Konvenut jidher personalment – Digriet li jakkorda żmien għan-Nota ta' l-Eċċezzjonijet – Digriet Interlokutorju – Sentenza – Eċċezzjoni ta' Nullità**

*L-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi nomine għall-kontro-talba tal-konvenut nomine, għall-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut nomine. Din hi sentenza u mhux digriet interlokutorju.*

*Is-sentenzi definittivi huma dawk li jiddeċidu u jaqtgħu definittivament il-mertu tad-domandi proposti fil-ġudizzju, u dawk li jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Digriet interlokutorju għandu l-karatteristika li ma jiffurmax ġudikat għall-Qorti li tkun ipprofferietu billi tkun tista' tirrevokah "contrario imperio".*

*Kull eċċezzjoni dwar nullità ta' atti għandha tiġi deċiża b'kap separat.*

Il-Qorti:- Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-14 ta' Lulju, 1988 li taqra hekk:

Fuq il-kwistjoni sollevata mill-attur nomine fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom għall-kontro-talba tal-konvenut nomine, u cjoè illi preliminarjament il-kontro-talba preżentata mill-istess konvenut kif ukoll in-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talba tal-atturi nomine, għandhom jiġu sfilzati mill-atti, peress li huma nulli u bla ebda effett fil-liġi stante li l-kawża ġiet istitwita skond il-proċedura sommarja speċjali, magħrufa bħala l-proċedura tal-giljottina, u f'din il-proċedura kien naqas li josserva l-proċedura

stabbilita mill-liġi, u b'hekk huwa llum jinsab kontumaċi;

Rat it-talba tal-istess atturi, verbalizzata fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 1988, sabiex prevja revoka *'contrario impero'* tal-permess mogħti lill-konvenut fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1988, (għall-*preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet), u prevja l-isfilz tal-istess nota tal-eċċezzjonijiet* tal-konvenut, kompriża l-kontro-talba (fol. 15 sa 19 tal-proċess), il-Qorti tgħaddi għas-sentenza fuq il-mertu;''

Rat illi l-konvenut, permezz tal-avukat tiegħu rrileva li fis-16 ta' Marzu, 1988, il-Qorti, b'digriet tagħha tat 20 ġurnata żmien lill-konvenut *għall-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet; u billi l-istess atturi ma appellawx minn dak id-digriet, dan illum* għadda in ġudikat, u m'huwiex aktar il-każ li jingħata digriet *'contrario imperio'* għar-revoka ta' dak id-digriet, peress li legalment mhux ammissibbli;''

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-Partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat limitatament għall-imsemmi eċċezzjoni preliminari tal-atturi nomine għall-kontro-talba tal-konvenut nomine u għat-talba tagħhom għall-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut nomine;

Illi huwa veru li l-atturi nomine istitwew l-azzjoni odjerna skond il-proċedura sommarja speċjali kontemplata fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huwa veru wkoll, minn eżami tal-atti proċesswali li ġew osservati t-termini kollha speċjali kontemplati fl-imsemmija artikoli, tenut

kont tal-fatt li bejn seduta u oħra intervenew xi ġranet ta' vakanza, u dwar l-istess termini dawn huma kontemplati fil-liġi bħala 'ġranet tax-xogħol';

Illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1988, kien deher l-avukat tal-konvenut nomine, u għan-nom tal-istess konvenut issodisfa l-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti; u għalhekk il-Qorti ordnat li l-kawża tiġi mismugħa u deċiża fil-kors ordinarju tagħha, u tat permess lill-konvenut nomine biex jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu fi żmien 20 ġurnata mid-data tan-notifika. Fil-fatt l-istess konvenut ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet flimkien ma' kontro-talba;

Illi llum l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 1988, imsemmi fil-paragrafu preċedenti, tordna l-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut nomine, u billi dan għandu jitqies bħala kontumaċi, tgħaddi għas-sentenza fuq il-mertu immedjatament (naturalment skond l-artikolu 170(1) tal-imsemmi Kodiċi);

Illi kif jidher minn nota ta' osservazzjonijiet tagħhom, l-atturi nomine jikkontendu li ġa la darba l-konvenut ma deherx personalment fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 1988, huwa għandu jitqies bħala kontumaċi, skond l-artikolu 170(1) imsemmi, u l-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċidi minnufih il-kawża, billi tilqa' t-talba tal-atturi nomine. Inoltre, huma jgħidu li skond l-artikolu 230 tal-istess Kodiċi, id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux (ġudikat) għall-Qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-Qorti, biex titbiegħed minnhom;

Illi l-artikolu 170 jibda bil-kliem 'Jekk il-konvenut jibqa'

kontumaċi, jew, jekk jidher .....'' Minn din il-lokuzzjoni jidher diġà li m'huwiex neċessarju li l-konvenut jidher personalment jew *inkella jitqies bħala kontumaċi*. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma meta taqra l-istess artikolu mal-artikolu 201 tal-imsemmi Kodiċi li, b'riferenza għall-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, il-konvenut ikun kontumaċi kemm-il darba ''il-konvenut jew l-avukat tiegħu'' jonqos li jidher. Dan huwa konsonanti wkoll mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

Illi minn dan ovvjament jitnissel li ma jeżistux raġunijiet validi sabiex il-Qorti tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 1988, li dwaru m'hemmx kuntrast li huwa digriet interlokutorju. Dan apparti l-fatt li l-istess digriet ma ġiex impunjat mill-atturi nomine bil-proċedura tal-appell, għalkemm dan għadhom jistgħu jagħmluh jekk ikun il-każ fi stadju ulterjuri tal-proċediment;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad it-talba tal-atturi nomine hawn fuq imsemmija, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom għall-kontro-talba tal-konvenut nomine, għall-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenuti *nomine;*

Tordna li l-kawża titkompla fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 1988 għal liema ġurnata tibqa' differita l-kawża;

Rat ir-rikors tal-atturi nomine preżentat fit-18 ta' Lulju 1988 li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet imsemmi tal-Ewwel Qorti tal-14 ta' Lulju 1988 u minflok tordna lil dik il-Qorti li tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tagħha tas-16 ta' Marzu, 1988, tordna l-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet u l-

kontro-talba tal-konvenut nomine, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu minnufih skond it-talba tagħhom nomine kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut nomine li biha ssottometta li:

1. L-appell huwa irritu u null billi d-deċiżjoni li minnha sar dan l-appell hija sentenza u mhux digriet interlokutorju u għalhekk l-appell kellu jsir b'petizzjoni;

2. L-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellant għall-kontro-talba tal-konvenut;

3. Illi f'din l-eċċezzjoni qiegħed jiġi eċċepit mill-appellant li n-nota tal-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba **hija nulla u bla ebda effett fil-liġi;**

4. Illi skond l-artikolu 730 tal-Kap. 12 kull eċċezzjoni dwar nullità ta' atti għandha tiġi deċiża f'kap separat;

5. Minn dan isegwi li d-deċiżjoni appellata ma tistax ma titqies bħala sentenza;

6. Fi kwalunkwe każ is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi tħares minn fejn tħares lejh din il-Qorti ma tistax tara kif l-appell jista' jiġi sostenut. Infatti:

1. *Fl-ewwel lok jirriżulta ampjament ċar mid-deċiżjoni* appellata li **l-Ewwel Onorabbli Qorti** ***"inter alia"*** **ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-atturi nomine għall-kontro-talba tal-konvenut** ***nomine*** **għall-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet u tal-kontro-talba tal-konvenut nomine;**

2. Li **din hi sentenza u mhux digriet interlokutorju,** ma jistax ikun hemm l-iċken dubju għaliex kif jgħid il-Mattirolo (Dir. Giud. Vol. IV, No. 26, p. 26) "*che in dottrina le sentenze che risolvono una controversia sussistente tra le parti si dividono in "definitivo" ed "interlocutorio" secondo che pongono termine al giudizio ovvero non pongono fine e si pronunziano nel corso di esso, mentre la causa procede verso il suo naturale compimento.*" Din id-dottrina ġiet segwita minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 1925 in re Tabone vs Borg Olivier (Vol. XXVI – 1 – 115) li rriteniet li "*una sentenza è definitiva quando "terminat negotium principale et etiam post se expectat sententia"* u kompliet tgħid li **s-sentenzi definitivi huma dawk li jiddeċidu u jaqtgħu definittivament il-mertu tad-domandi proposti fil-ġudizzju, u dawk li jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju;**

3. Issa hu ovvju li dak li kien hemm in kontestazzjoni fl-ewwel eċċezzjoni tal-atturi nomine għall-kontro-talba tal-konvenut nomine kien proprju l-eżistenza tal-istess kontro-talba u ġa la darba huwa dan li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti tali deċiżjoni ma tistax ma tkunx sentenza bħala distinta minn **digriet**

**interlokutorju,** li, inoltre, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 1985 in re Mamo Utrinque, **għandu il-karatteristika li ma jiffurmax ġudikat għall-Qorti li tkun ipproferietu billi tkun tista' tirrevokah *'contrario imperio'*.** F'dal-każ din il-possibilità sempliċement ma teżistix;

4. Dan biss, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa suffiċjenti biex jirrendi l-appell null billi jmissu sar b'petizzjoni u mhux b'rikors. Oltre dan, però, jista' jiġi osservat dak li effettivament irrileva l-appellat *nomine* ċjoè li skond l-artikolu 730 tal-Kap. 12 **kull eċċezzjoni dwar nullità ta' atti għandha tiġi deċiża b'kap separat u ċertament** l-eċċezzjoni deċiża mill-Ewwel Qorti kienet ta' nullità kif spjegat. Dan ikompli jsaħħaħ il-konklużjoni li d-deċiżjoni appellata hija sentenza u mhux digriet interlokutorju;

Ma' dan kollu jista' jiżdied ukoll li hemm il-fattur l-ieħor li ssemma' fis-sentenza appellata ċjoè dak jekk l-atturi nomine bil-mod kif aġixxew, ċjoè li mingħajr ma għamlu appell mid-deċiżjoni tas-16 ta' Marzu, 1988 sostnew posizzjoni antiteka għall- istess deċiżjoni, ikkompromettew il-posizzjoni tagħhom. Din il-Qorti, però, ħlief li tosserva li anki f'dan l-istadju baqgħu ma appellawx minn dik id-deċiżjoni, tara li fiċ-ċirkostanzi jkun eżerċizzju żejjed li tidħol fil-kwistjoni;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tilqa' l-ewwel preġudizzjali tal-konvenut nomine appellat għall-appell tal-atturi nomine u konsegwentement tiddikjara l-istess appell bħala irritu u null bl-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku tal-atturi nomine appellanti. L-atti għandhom a kura tar-Reġistratur jiġu rinvjati lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.